# HOLMA

*Ta'* A. Cremona

Noħlom: quddiem għajnejja
nara jbajjad iż-żah'r
tas-siġra tiegħi;
u nistħajjilha għaddejja
minn fuqi l-istaġun
ta' żmien li tar
bla dmugħ, bla mrar.

Noħlom: quddiem għajnejja
nara jħammar il-ward
tax-xtieli tiegħi;
u nistħajjilha għaddejja
minn fuqi l-istaġun
tal-ward li ġbart
minn dina l-art.

Noħlom : quddiem għajnejja
mar-riħ itir iż-żah'r
taś-sigra tiegħi ;
u nistħajjilha ġejja
fuq dahri l-istaġun
fejn il-ferħ tar,
nissel l-imrar.

Noħlom : quddiem għajnejja
mal-ksieħ jidbiel il-ward
tax-xtieli tiegħi ;
u nistħajjilha għaddejja
fuq dahri l-istaġun
ta' moħħ li miel,
ta' ħsieb li dbiel.